**5 ta' Mejju 1991**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubbblika Ta' Malta
*versus*
Stephen Brincat

**Produzzjoni ta' Xhieda - Ammissibilità ta' Xhieda – Rilevanza ta' Xhieda**

*Appell mill-Qorti Kriminali dwar Ammissibilità ta' xhieda mhux indikati. Dwar talba mid-difiża għall-produzzjoni ta' orderly* tal-pulizija li rċieva telefonata, din ġiet akkordata mill-Qorti ta' Appell Kriminali. Ġiet konfermata id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li ammettiet bħala xhud lil psikjatra. Fuq it-talba li jiġi prodott il-Kummissarju tal-Pulizija jew rappresentant tiegħu, ġiet milqugħa it-talba ta' l-akkużat li ġie ordnat jindika bi preċiżjoni it-talba tiegħu.

Il-Qorti:- Rat l-Att ta' Akkuża numru 1 tal -1990;

Rat is-sentenza preliminari tal-Onorabbli Qorti kriminali tal-5 ta' Settembru, 1990 li biha ddeċidit kif ġej fuq kwistjoni preliminari rigwardanti ammissibilità ta' xhieda:

''Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li biha oġġezzjona għat-talba tad-difiża li tipproduċi diversi xhieda;

Rat illi id-difiża rrinunzjat għall-produzzjoni tax-xhud l-ex-spettur Guido Muscat;

Rat illi l-prosekuzzjoni qegħda topponi għax-xhieda ta' pulizija li kien stazzjonat is-C.I.D. fid-29 ta' Mejju 1988 jew f'data oħra viċina, u tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta' Dr. George Debono;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tad-Deputat Avukat Ġenerali;

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-pulizija li mhux indikat b'ismu, l-abbli difensuri

spjegaw illi huma ma kinux fi stat li jindikaw lil dan bl-isem billi mhux faċli li wieħed ikun jaf min kien stazzjonat f'ċertu post bħala pulizija minn żmien għal żmien. Skond l-informazzjoni mogħtija lill-Qorti dan ix-xhud għandu jixhed dwar xi telefonati li daħlu fid-*Depot* tal-Pulizija f'ċertu ġranet u fuq linja tat-telefon partikolari;

Il-Qorti tara li l-ispjegazzjoni tad-difiża tagħmel sens in kwantu wieħed irid jindaga biex jara min kien stazzjonat bħala *orderly* jew min irrisponda ċertu telefonati;

Il-fatt illi xhud ma jistax jiġi ndikat b'ismu ma jnaqqasx mir-rilevanza li dan jista' jkollu waqt il-ġuri;

Dwar it-tieni xhud, ċjoè, il-Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentat tiegħu, dan hu meħtieġ, skond *id-difiża*, biex jipproduċi kopji awtentiċi ta' rapporti li saru lill-Pulizija dwar rapporti preċedenti li fihom kienu nvoluti l-protagonista f'dan il-kaz;

L-abbli Deputat Avukat Ġenerali oppona għal dan ix-xhud billi tali evidenza ma tista' bl-ebda mod tirrifletti fuq il-*facts at issue*;

Il-Qorti tikkunsidra illi huma prinċipju fundamentali tal-Liġi Kriminali tagħna li ebda xhud li m'humiex rilevanti għal kaz ma għandu jiġi ammess u dan għal raġunijiet ovvji. Iżda jekk, kif tifhem il-Qorti mit-trattazzjoni, l-element tal-passat li jinfluwixxi fuq l-incident *de quo* ser ikun parti importanti mil-linja tad-difiża, allura dan għandu jiġi permess. Naturalment, hemm imbagħad is-salvagwardja tal-kontroll kontinwu tal-imħallef togat waqt il-ġuri;

It-tielet xhud mitlub kien Dr. George Debono li d-difiża tgħid li għandha bżonnu bħala psikjatra speċjalista li l-appellanti kien taħt il-kura tiegħu għal ċertu żmien. Skond it-trattazjoni tad-difiża ser tkun linja tad-difiża li l-appellanti ser jiġi pruvat li kien taħt *strain* mentali waqt l-inċident in kwistjoni. Kien ikun ċertament rakkomandabbli li meta jiġi indikat isem ix-xhud jiġi indikat b'mod inqas sibilliku l-oġġett tal-prova. Però, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha ċċaħħad lid-difiża minn din il-prova, salv kull kontroll ulterjuri fl-istadju opportun;

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat ir-rinunzja għax-xhud Guido Muscat, tiċħad l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali għat-tlett xhieda l-oħrajn'';

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Settembru, 1990 li biha a tenur tal-artikolu 499 (3) tal-Kodiċi Kriminali ta' avviż ta' appell mis-sentenza indikata

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali preżentat fl-10 ta' Settembru, 1990 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu dwar ix-xhieda indikati bin-numri (iii), (iv) u (v) fin-nota ta' l-akkużat tat-30 ta' Jannar, 1990 u konsegwentement tiċħad il-produzzjoni ta' dawk ix-xhieda da parti ta' l-akkużat;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn jiġi senjalat, illi fuq suġġeriment ta' din il-Qorti stess, L-Avukat Ġenerali għamel indaġni biex jistabbilixxi jistax jiġi identifikat il-pulizija innominat imsemmi fis-sentenza appellata u li allegatament kien irċieva xi telefonata dwar l-inċident mertu tal-każ, u fit-13 ta' Frar, 1991 huwa ppreżenta nota li biha ġab a konjizzjoni ta' din il-Qorti li skond informazzjoni li huwa irċieva jidher li l-persuna indikata mill-akkużat bħala "il-pulizija li kien stazzjonat ic-C.I.D. fid-29 ta' Mejju, 1988 jew data oħra viċina, biex jixhed dwar xi telefonati rċieva......" tista' tkun P.C. Joseph Camilleri stazzjonat ic-C.I.D. li fid-data tal-inċident kien "*night-watch*" li skond informazzjoni riċevuta jidher li rċieva xi telefonata in konnessjoni ma xi inċident dwar ħanut tal-pastizzi;

B'ċerta korrettezza etika u lejaltà, l-Avukat Ġenerali irrileva ukoll li l-informazzjoni li kien qed jagħti kienet tidher xi ftit skarsa peress li huwa ħass li ma kienx ikun korrett li huwa jikkomunika personalment ma' P.C. 243 Joseph Camilleri in vista tal-fatt li hu jista' jkun il-persuna li seta' kellha f'rasha id-difiża bħala xhud in difesa;

Din in-nota ġiet segwita b'nota oħra tal-akkużat preżentata fl-21 ta' Frar, 1991 li biha indika li fiċ-ċirkustanzi t-talba tiegħu għandha tittieħed li tirreferi għal P.C. 243 Joseph Camilleri però żamm ferm it-talba tiegħu li jiġi prodott jixhed kull persuna oħra f'kaz li jirriżulta li P.C. Camilleri ma kienx fil-fatt il-pulizija li irċieva t-telefonata;

*Omissis;*

F'dan ir-rigward, din il-Qorti, wara li ħasbet fuq l-aspetti

*kollha involuti hi tal-opinjoni li ma tistax tħalli* l-kwistjoni miftuħa biex issir indaġni waqt il-ġuri meta din l-indaġni, kif wara kollox issa rriżulta, jew imissha jew setgħet issir qabel. Huwa veru li d-difensur tal-akkużat issottometta waqt it-trattazzjoni li ma kellux possibilità li jottjeni l-informazzjoni. Però, din il-Qorti ma taqbilx għax fil-fehma tagħha kellu l-alternattivi kollha li jeżistu f'kull każ, fosthom, li jikkomunika mal-Kummisarju tal-Pulizija biex jottjeni l-informazzjoni fi żmien utili u f'każ li ma kienx jirnexxilu jagħmel dan illi jħarrek lill-Kummissarju tal-pulizija bħala xhud biex jgħid minni kien il-pulizija li irċieva it-telefonata jew telefonati allegati. Fis-sitwazzjoni kif inhi , però, kull ma talab l-akkużat kien il-produzzjoni ta' persuna innominata u mhux biss iżda in relazzjoni ma' dati u numri tat-telefon li kif tpoġġew jistgħu anzi huma vagi. Għalhekk din il-Qorti tħoss li l-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa in massima ġenerali fondat salv dak li din il-Qorti ser tipprovdi bħala rimedju. Terġa', meta iddikjara lill-Kummissarju tal-Pulizija *bħala xhud* proprju *talbu biex jixhed fuq każijiet oħra.* Għalhekk din il-Qorti għalkemm, fiċ-ċirkostanzi, sejra tammetti bħala xhud lill-P.C. 243 Joseph Camilleri, in mankanza ta' indikazzjonijiet iktar preċiżi mill-akkużat fiż-żmien perentorju li ser tipprefiġġilu, ma tħossx li għandha tammetti xi xhieda oħra "*in vacuo*" ammenokè" dan ma jiġix indikat bi preċiżjoni;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tat-talba għall-produzzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentant tiegħu, l-Avukat Ġenerali issottometta li għalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti rrimarkat li dan kien meħtieġ biex jipproduċi kopji ta' rapporti preċedenti "li fihom kienu involuti l-protagonisti f'dan il-kaz", lanqas id-

difiża ma ippretendiet dan. Di fatti fl-oġġett tal-prova kif formalment dikjarat mill-akkużat mkien ma jissemma li f'dawn l-inċidenti preċedenti kienu involuti l-akkużat u l-persuna aggredita mill-akkużat ċjoè Carmel Camilleri. Inoltrè anqas l-iċken indikazzjoni taż-żmien ta' dawn l-allegati inċidenti ma ġiet mogħtija. Għalhekk, jissottometti l-Avukat Ġenerali, jonqos l-element tar-rilevanza, liema rilevanza għandha tirriżulta **qabel** il-ġuri u mhux jiġi ammess għax imbagħad hemm is-"salvagwardja" u "l-kontroll kontinwu tal-imħallef togat waqt il-ġuri". B'dan il-mod l-emendi li saru fil-Kodiċi Kriminali fl-1981 jiġu stultifikati;

Anki hawn, din il-Qorti tara li d-difiża ma mxietx sew u dan għax qed tippretendi li l-Kummissarju tal-Pulizija jagħmel indaġni sħiħa fl-okkorenzi mingħajr ma qed jingħata imqar l-iċken ħjiel ta' dati jew dettalji li jistgħu talvolta jiffaċilitawlu x-xogħol. L-akkużat ma jistax jippretendi li l-Kummissarju jiġi ammess kif mitlub. Jekk, kif qed jippretendi l-akkużat kien hemm rapporti dwar ksur u vjolenza użata fil-ħanut imsemmi u vjolenza rigwardanti l-familja Brinċat, suppost li jaf, almenu approssimattivament meta dawn saru, u mhux sew li anqas ma almenu indika perijodu qasir kemm hu qasir jew twil kemm hu twil. Inoltre, imbagħad din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti awtorizzat li l-Kummissarju jixhed fuq rapporti fejn kienu involuti, "il-protagonisti f'dan il-kaz" meta lanqas l-istess akkużat ma talab dan. Fl-aħħarnett, imbagħad, jiġi osservat li anki meta semma "okkorrenzi in konnessjoni ma vjolenza rigwardanti l-familja Brincat" l-inqas ħaġa li seta' jagħmel huwa li almenu jorbot din il-vjolenza in kwantu tista' tkun pertinenti għal "*facts in issue*" u mhux iħalliha vaga kif inhi. Infatti, kif intavolata, t-talba tista' tirreferi għal vjolenza

subita mill-familja Brincat - u min hi l-familja Brincat - li verament ma jista' jkollha qatt "*bearing*" fuq kull tip ta' difiża li tista' tiġi kontemplata anzi li fuq kull bażi legali mhix ammissibbli. Għalhekk l-ewwel Onorabbili Qorti ma setetx taċċetta it-talba tal-akkużat bil-mod kif laqgħetha;

Din il-Qorti, però, li hija dejjem anzjuża li tara li d-difiża ma tiġix privata minn "*fair hearing*" minħabba nuqqasijiet li jistgħu jiġu solvuti mingħajr ma jiġi preġudikat l-interess pubbliku, li *del resto* jinkorpora fih l-interess li l-akkużat jingħata smiegħ xieraq, sejra fil-parti deċisiva tirriforma s-sentenza appellata fis-sens infraskritt;

Ikkunsidrat:

Is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali dwar l-aħħar xhud, ċjoè Dr. George Debono huma fis-sens li l-istess qorti ta' prim istanza rrikonoxxiet il-mod "sibilliku" (*recte* sibillin) li bih ġie indikat l-oġġett tal-prova ta' dan ix-xhud iżda xorta ammettietu "salv kull kontroll ulterjuri fl-istadju opportun". B'dan il-mod, jissottometti l-Avukat Ġenerali "nistgħu neliminaw l-istadju tal-eċċezzjonijiet dwar il-provi għaliex kwalunkwe xhud tad-difiża ikun ammissibli "salv kull kontroll ulterjuri fl-istadju opportun". L-istadju tal-eċċezzjonijiet qiegħed hemm biex dan il-kontroll isir qabel;

Fuq dan l-aggravju, din il-Qorti ftit għandha xi tgħid. Infatti, apparti l-kwistjoni ta' rilevanza *o meno* li kif ġie osservat minnha fis-sentenza tagħha in *re* Ir-Repubbliika vs E. Cioffi tas-27 ta' Novembru, 1990 m'għandhiex tiġi konfuża mal-kunċett ta' ammissibilità, u apparti ukoll jekk l-oġġett tal-prova ġiex,

indikat b'mod sibillin, li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ġiex, ma jidhirx li b'xi mod din il-prova tista' tiġi ritenuta inammissibbli ħlief li ma għandiex isservi ta' perizija "*ex parte*". Infatti, in kwantu l-akkużat irid jipprova li minħabba attakki li kien qed jirċievi kien taħt *stress* u li minħabba f'hekk kien qed jirċievi kien taħt id-direzzjoni tat-tabib imsemmi, din hi prova perfettament ammissibbli u għalhekk il-parti relativa tas-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti ser tiġi konfermata;

Għal dawn il-motivi, għalhekk tiddisponi mill-appell tal-Avukat Ġenerali billi tirriforma s-sentenza appellata kif ġej u ċjoè:

(a) kwantu jirrigwarda x-xhud Dr. George Debono billi tikkonferma s-sentenza appellata;

(b) kwantu jirrigwarda it-talba għall-produzzjoni tal-pulizija li rċieva t-telefonata billi tammetti bħala xhud lil P.C. 243 Joseph Camilleri jew kull xhud (pulizija) ieħor li l-akkużat jindika bi preċizzjoni għall-istess fini purkè dan jiġi indikat mhux aktar tard minn ġimgħatejn millum u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata;

(ċ) kwantu jirrigwarda t-talba għal produzzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija billi tilqa' l-istess biss kwantu jirrigwarda dawk l-inċidenti, konsistenti mal-linja tad-difiża indikata fis-sentenza appellata u li jirrigwardaw vjolenzi subiti mill-akkużat fuq persuntu jew fuq il-persuna tal-membri familjari immedjati tiegħu in konnessjoni mal-ħanut imsemmi, li l-akkużat jindika bi preċiżjoni aċċettabbli b'nota li għandha tiġi preżentata mhux aktar tard minn ġimgħatejn millum u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata.